DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

*3 Att, 1 Xena, p.120 (m)*

### SAMWEL

**U TAGĦTIX KAS, MULEJ.**

Hemm – fil-knisja ma rajthomx, Sa Petronja? Qalb dawk iċ-ċerimonji u dmugħ il-kukkudrilli? Kulħadd iqum fuq saqajh itenni l-mea culpa u jħabbat fuq sidru: Ismagħna nitolbuk Mulej! Itolbu, ħuti. Ismagħna nitolbuk, Mulej!

*PETRA: Imma int dik il-parodija ma tiflaħx aktar għaliha.*

Ma niflaħx! U ma flaħthiex. Kif stajt? Allura – allura kelli nqum fuq saqajja, u nitla' hemm fuq, quddiem kulħadd u ngħajjat – Ismagħhom, Sinjur! Ismagħhom jitkarbulek!...

/ Ismagħhom, Sinjur! Imma Int taf – ħadd minnhom ma jemmen dak li qed jgħid! Illum qegħdin hawn, itennu kliem is-sogħba, imma ħsiebhom mhuwiex – u lanqas qalbhom! Imma Int ħanin, Mulej, allura ismagħhom nitolbuk, Mulej!

/ Ismagħna!... U tagħtix kas, Mulej, li minn hawn u ftit ieħor imorru lura lejn djarhom, iseksku bejniethom u jgħidu: Kif lanqas ommu ma ġiet għall-funeral! *(Iseksek f'widnejn is-SA PETRONJA)* Imma ara, Nikola ġie! Nikola ġie! U kif Samwel qiegħed ma' dik it-tfajla! Taf min hi dik? U mhux għax trid tagħti kas ilsien in-nies, imma l-affari hekk u hekk kienet – X'għarukaża!

/ Għax kos, hux, dan Eżra kif waqa' minn hemm fuq? U Elen – Elen fejn kienet?

Imma int ismagħhom, Mulej.

Meta rajthom minn hemm fuq imma, iseksku u jroddu s-slaleb skandalizzati, l-għajta – dik l-għajta ma setgħetx tinżamm lura aktar: Oqbra mbajda! Oqbra mbajda lkoll!

/ Iva, għajjarthom u għidtilhom f'wiċċhom: Oqbra mbajda! U werżaqt biex kulħadd jismagħni: Mulej aħfrilhom! Mhux ħtija tagħhom huma daqshekk miżeri u koroh! Aħfrilna lkoll, Mulej! *(<235)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.120